MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 152/2007

Avukat Dottor Luigi A. **SANSONE** bħala mandatarju speċjali ta' ***Chanel Limited*** kumpannija estera ta' nazzjonalita' Ingliża reġistrata fir-Reġistru tal-Kumpanniji tal-Ingilterra u Wales magħruf bħala *Companies House*, bin-numru ta' reġistrazzjoni 203669

vs

Avukat Dottor Anthony **CUTAJAR** u l-P.L. Hilda Ellul Mercer maħtura bħala Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjeta' Altawareg.Co. ta' Airport Street, Benghażi, Libja, b'degriet tal-15 ta' Ġunju, 2007

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-8 ta' Frar, 2007, li bih ir-rikorrent *nomine* ippremetta;
1. Illi s-soċjeta' attriċi Chanel Limited, magħrufa sew madwar id-dinja nkluż f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma'

arloġġi tal-idejn, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju tagħha;

2. Illi b'ħila u b'invenzjoni, kif ukoll b'ħafna sagrifiċċju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti tagħha, is-soċjeta' attriċi kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni man-negozju tagħha u mat-*trademarks* tagħha relattivi għall-istess;

3. Illi, b'mod partikolari, is-soċjeta' attriċi għandha rreġistrata f'Malta it-*trademarks* bin-numri ta' reġistrazzjoni 16384 – "**CHANEL**" (kelma, b'effett mit-3 ta' Settembru, 1984), u 16434 – **CC** (tikketta partikolari, b'effett mit-22 ta' Ottubru, 1984) u dan *inter alia* dwar prodotti konsistenti f'arloġġi tal-idejn;

4. Illi s-soċjeta' attriċi hija *"detentriċi ta' dritt"* u tinsab reġistrata mal-Kontrollur tad-Dwana għall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelettwali (Miżuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Liġijiet ta' Malta), biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni mogħtija fl-artikulu 2 (1)(a)(i), 4 u 8(1) tal-istess Kap, 414;

5. Illi reċentement, waqt l-iskrutinji taħt xi waħda mill-proċeduri doganali msemmija fl-artiklu 4 tal-istess Kap. 414, il-Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-*container* ECMU 2006807 kontenenti arloġġi tal-idejn, li fuqhom hemm diversi sinjali fosthom il-kelma "CHANEL" u s-sinjal "CC" partikolari miktubin b'mod prominenti, liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu għar-rilaxx eventwali favur il-konvenuta ALTAWAREG.CO skond kif indikat fuq il-polza ta' karigu relattiva, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-soċjeta' attriċi dwar din is-sejba f'ċirkostanzi sospetti, u dan sabiex isiru l-investigazzjonijiet opportuni min-naħa tal-istess soċjeta' attriċi;

6. Illi s-soċjeta' attriċi ġiet uffiċjalment mgħarrfa bis-sejbiet għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet relattivi ta' liġi fil-11 ta' Jannar, 2007, u, wara li eżaminat

ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oġġetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oġġetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet tagħha dwar proprjeta' intellettwali;

7. Illi effettivament allura, l-oġġetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika lis-soċjeta' attriċi bħala ħames mija u ħamsin (550), jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' attriċi. Għal dan il-każ japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta' liġi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta' dan ir-rikors ġuramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikli 10, 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416), u tal-artiklu 76A(1) tal-Att XXII tal-2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji);

8. Illi wara li s-soċjeta' attriċi ngħatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, ġie lill-istess soċjeta' attriċi prefiss terminu sat-8 ta' Frar, 2007, mill-hawn qabel imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tingħatalu l-prova li nbdew l-opportuni proċedimenti ġudizzjarji ċivili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu għal deċiżjoni sostantiva dwar il-merti tal-każ;

9. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-artikoli konsistenti fl-arloġġi tal-idejn liema oġġetti lkoll jikkontjenu diversi sinjali fosthom il-kelma "CHANEL" u s-sinjal "CC" partikolari miktubin b'mod prominenti u li jinsabu preżentement taħt l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx ta' l-*container* ECMU 2006807 kontenenti l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' attriċi;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjeta' attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-, u għas-spejjeż ta' – l-konvenuta;

3. Tieħu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-kovenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi, inklużi dawk tat-trasport tal-imsemmija oġġetti għall-ħażna qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-ħażna stess, tat-trasport mill-lok tal-ħażna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni tagħha.

Rat ir-risposta ġuramentata mressqa fit-18 ta' Frar, 2008, li biha l-Kuraturi Deputati eċċepew:
1. Illi f'dan l-istadju m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappreżentata u f'dan ir-rigward, minn issa jitolbu lir-rikorrenti jiddikjara jekk għandux xi indirizz ieħor ta' Altawareg Co. għajr dak indikat fl-okkju tar-rikors;

Rat il-provi dokumentali tal-attur *nomine* mrressqin flimkien mar-Rikors promotur;

Semgħet ix-xhieda tal-attur *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-Avukat tas-soċjeta' imħarrka barranija waqt is-smigħ tal-lum li bih iddikjara li ma kellux provi oħra xi jressaq;

Rat id-Degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din il-kawża, il-kumpannija rikorrenti qegħda titlob li jiġi dikjarat li kunsinna ta' arloġġi talidejn (aktar 'il quddiem imsejħa "il-merkanzija") li ddaħħlet fil-Port Ħieles ta' Malta fil-11 ta' Jannar, 2007, abbord il-bastiment *MV CMA-CGM OTELLO* kienet falza u għalhekk qegħda titlob il-qerda tagħha, billi din il-merkanzija tikser il-jeddijiet intellettwali tagħha;

Illi, min-naħa tagħhom, il-Kuraturi Deputati mħarrkin qegħdin jgħidu li ma jistgħux imieru lill-kumpannija rikorrenti għaliex ma jafu xejn fuq il-fatti, u dan minkejja kull tentattiv li ippruvaw biex jieħdu l-fehma jew id-direttivi tal-kostitwenti tagħhom;

Illi l-azzjoni tar-rikorrenti tinbena fuq dak li tipprovdi l-liġi fl-Att tal-2000 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Miżuri Intrakonfini)[1] (Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta), b'mod partikolari l-artikolu 8 tal-istess Att;

Illi mill-provi mressqa mir-rikorrent *nomine* jirriżulta li sa minn Settembru ta' l-1984, prodotti magħmulin mill-kumpannija rikorrenti bħal dawk li jagħmlu parti mill-merkanzija, kienu reġistrati mal-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali f'Malta[2] bħala marka kummerċjali (*trademark*), u għalhekk imħarsa mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 29 tal-Liġijiet ta' Malta (illum il-Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta). It-titolari tal-jedd imħares hija l-kumpannija attriċi barranija;

Illi jirriżulta li nhar il-Ħamis, 11 ta' Jannar, 2007, il-bastiment *MV CMA-CGM OTELLO* daħal fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk, mgħobbi b'għadd ta' *containers*. Wieħed minn dawn il-*containers* (numru ECMU 2006807) kellu dikjarazzjoni li l-konsenja kienet ta' sebgħa u disgħin (97) kartuna ta' ħwejjeġ tal-ilbies u ta' żraben. Din kienet

[1] Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta
[2] Marki numru 16384 u 16434, Dokti . "B" u "Ċ", f'paġġ. 8 – 9 tal-proċess

magħmula fuq il-polza ta' tagħbija[3], li kienet tgħid li l-kumpannija mħarrka kienet il-kunsinnatarja tal-merkanzija mertu tal-każ. Il-bastiment kien salpa minn port fiċ-Ċina (Tianjin Xingang), b'sistema ta' ġarr bi trasbord, u t-tagħbija kellha tinħatt fil-port ta' Binghażi, fil-Libja, bħala l-aħħar destinazzjoni tagħha;

Illi dak inhar tad-dħul f'Malta tal-imsemmi *container*, id-dipartiment tad-Dwana qegħditu taħt stħarriġ magħruf bħala *risk analysis*. Meta nfetaħ, u wara li nstab li s-siġilli tiegħu ma kinux għadhom mimsusin, instab li dan kien mimli bi ħwejjeġ tal-ilbies ta' kull xorta. Fost dawn kien hemm il-merkanzija mertu tal-każ li, bħall bqija, kienet tagħti 'l min jifhem li setgħet kienet falza. Ittieħdet id-deċiżjoni li l-*container* jinżamm għal stħarriġ b'aktar reqqa. Intrefa' kampjun li ntbagħat lir-rappreżentanti tal-kumpannija attriċi f'Malta u l-*container* raġa' ġie siġillat u ttieħed f'maħżen tad-Dwana;

Illi d-Dipartiment kiteb minnufih lir-rikorrent biex jgħarrfu bis-sejba[4]. Ir-rikorrent talab lill-Kontrollur tad-Dwana jżomm ir-rilaxx tal-imsemmi *container*[5]**.** Il-Kontrollur laqa' t-talba wara li ntwera d-dokumentazzjoni meħtieġa mill-kumpannija rikorrenti dwar il-jeddijiet tagħha u l-interess tagħha li tressaq l-ilment dwar il-merkanzija mniżżla l-art, u, aktar 'il quddiem, laqa' talba oħra tal-attur *nomine* biex itawwal iż-żmien li fih kellu jressaq il-kawża[6];

Illi, minbarra dan, ir-rikorrent *nomine* bagħat kampjonarju mill-merkanzija milli kienu fl-imsemmi *container* lil-laboratorji tal-kumpannija attriċi, biex teżaminahom. Din bagħtet rapport lir-rikorrent *nomine* ftit jiem wara[7]**.** Minn dawn ir-rapporti joħroġ li l-merkanzija kienet falza u ma taqbilx mal-i*standards* tal-prodotti ġenwini magħmulin mill-kumpannija attriċi barranija;

---

[3] TSZH 004570 (Dok "I", f'paġ. 40 tal-proċess)
[4] Dok "D", f'paġ.12 tal-proċess
[5] Dok "H5", f'paġ. 43 tal-proċess
[6] Dok "H4", f'paġ. 39 tal-proċess
[7] Dok "Ġ" datat 16 ta' Jannar, 2007, f'paġ.21 – 2 tal-proċess

Illi l-kumpannija rikorrenti fetħet din il-kawża fit-8 ta' Frar, 2007, u jirriżulta li l-kontenut tal-*container* għadu miżmum taħt is-setgħat tal-Kontrollur tad-Dwana;

Illi l-kumpannija mħarrka ma meriet xejn mill-provi mressqa mill-kumpannija rikorrenti. Il-Qorti tifhem li kien il-Kontrollur tad-Dwana nnifsu li għarraf lill-kumpannija attriċi bl-isem tal-kumpannija mħarrka. Il-Kuraturi maħtura biex jidhru għaliha ma ngħataw l-ebda tagħrif dwar x'kellhom jagħmlu dwar ix-xiljiet imressqa mill-kumpannija rikorrenti;

Illi meta jitqiesu l-fatti fuq imsemmija ma' dak li tipprovdi l-liġi, jinstiltu l-konklużjonijiet li ġejjin:

a. il-kumpannija rikorrenti hija detentriċi ta' dritt li għalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tiegħu;

b. illi l-merkanzija mniżżla l-art f'Malta ma kellhiex marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija rikorrenti u lanqas jidher li ġiet manufatturata bil-kunsens tagħha, u dan għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dħul tal-imsemmija merkanzija, imqar jekk fl-ambitu tal-Port Ħieles, huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija rikorrenti;

d. jidher li l-kumpannija rikorrenti wettqet ukoll l-obbligi tagħha dwar tagħrif mogħti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta għall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. illi l-kampjun mogħti lill-kumpannija rikorrenti u minnha mibgħuta barra minn Malta għall-eżamijiet meħtieġa huwa proċess maħsub mil-liġi[8] u kien ta' għajnuna kbira biex il-kumpannija rikorrenti setgħet bdiet il-proċeduri xierqa fl-iqsar żmien, u biex jiġi determinat li l-qomos kienu tassew foloz;

[8] Art. 7(3) tal-Kap 414

f. it-talba tal-kumpannija rikorrenti biex il-konsenja ta' merkanzija in kwestjoni tiġi meqruda hija waħda mill-effetti li l-liġi[9] taħseb għalihom dwar id-dħul f'Malta ta' ħwejjeġ falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

g. il-falsita' tal-imsemmija merkanzija tinsab ippruvata fi grad tekniku biżżejjed, u ammissibbli fil-liġi, li l-Qorti ma tħossx il-ħtieġa li taħtar espert biex jagħmel kostatazzjonijiet oħrajn;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li ir-rikorrent *nomine* wera tajjeb biżżejjed li l-kumpannija rikorrenti kellha raġun temmen li l-merkanzija li ddaħħlet f'Malta fil-11 ta' Jannar, 2007, kienet tikser il-jeddijiet intellettwali tagħha kif imħarsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-ħelsien tagħhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx ħafif għaliha li tagħmel tajjeb għalih jekk mhux biż-żamma għal dejjem tagħhom jew bil-qerda tagħhom, ukoll jekk kien maħsub li l-aħħar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiż ieħor barra minn Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kunsinna ta' merkanzija msemmija fil-premessi tar-Rikors maħluf imniżżla l-art fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-bastiment *CMA-CGM OTELLO* ġo *container* bin-numru ECMU 2006807 fil-11 ta' Jannar, 2007, kienet falza għall-finijiet u effetti kollha tal-Att VIII tal-2000;

**Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attriċi** billi tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jipproċedi għall-prattiki kollha meħtieġa, inklużi l-għoti minnu ta' kull direttiva lilu mogħtija b'setgħa mil-liġi, għall-qerda tal-merkanzija kollha fuq imsemmija, u dan sa mhux aktar tard minn xahar kalendarju minn dak inhar li jiġi notifikat, a kariku tal-kumpannija rikorrenti, b'kopja awtentikata ta' din is-sentenza;

[9] Art. 8(1)(a) tal-Kap 414

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija intimata biex tħallas l-ispejjeż kollha marbuta mal-ġarr, il-ħażna u l-qerda tal-imsemmija merkanzija mid-Dipartiment tad-Dwana;

**Tordna** li sa mhux iżjed tard minn ħmistax-il (15) jum tax-xogħol minn dak inhar li l-ordni tal-Qorti għall-qerda ta' dawn l-oġġetti titwettaq, il-Kontrollur tad-Dwana jdaħħal Nota fl-atti ta' din il-kawża li biha jgħarraf lill-Qorti bl-eżekuzzjoni tal-ordni tal-qerda mogħtija b'din is-sentenza, jew, fin-nuqqas, ir-raġunijiet għaliex l-ordni ma tkunx twettqet; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża b'dan li d-drittijiet tal-Kuraturi Deputati *nomine* jitħallsu provviżorjament mir-rikorrent *nomine.*

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------